VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 374 tal-2010

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Regolamenti tal-2010 dwar *Allowance* lis-Sindki u lill-Kunsillieri Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32 u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-Regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar *Allowance* lis-Sindki u lill-Kunsillieri Lokali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2010.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"*allowance*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 32(2) tal-Att;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"Kunsillier" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att;

"Sindku" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att.

Allowance lis-Sindki u lill-Kunsillieri.

3. (1) Kull Sindku għandu d-dritt jitħallas *allowance* ta' elf u sitt mitt euro (€1,600) fis-sena.

(2) Kull Kunsillier għandu d-dritt jitħallas *allowance* ta' elf u mitejn euro (€1,200) fis-sena.

(3) Il-pagament tal-*allowance* isir darbtejn fis-sena, fl-aħħar ta' Ġunju u fl-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena.

(4) Il-ħlas tal-*allowance* ikun proporzjonat man-numru ta' laqgħat li Sindku jew Kunsillier ikun attenda matul il-perjodu tal-ħlas.

(5) Sindku għandu d-dritt għall-onorarju stipulat fil-liġi u dik l-*allowance* għal spejjeż magħmula minnu u ma jkollu ebda dritt għal xi ħlas ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Kunsillier ma jkollu dritt għal ebda ħlas ieħor mill-Kunsill minbarra dik l-*allowance*.

Jirrevoka A.L. 381 tal-2009.

4. Ir-Regolamenti tal-2009 dwar *Allowance* lill-Kunsillieri Lokali, huma b'dawn revokati.